# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Kaz Numru: 3180/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Steve Holland (452469M)**

**u**

**Office Group Limited (C 39197)**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Rikors ghall-interpretazzjoni ta' Sentenzi u Decizjonijiet, ai termini ta' artikolu 83 tal-Kap 452.**

**Chairman: Dr. Geoffrey Vella LL.D.**

# DIGRIET

It-Tribunal,

Ra r-rikors intavolat mir-rikorrent, Steve Holland, ir-risposta ntavolata mis-socjeta` ntimata, Office Group Limted (C 39197) u kif ukoll ir-replika tar-rikorrent ghar-risposta tas-socjeta` ntimata, u dan dwar l-interpretazzjoni li dan it-Tribunal ghamel fir-rigward tal-kumpens moghti lir-rikorrent, ossia ghall-metodu ta' kif dan it-Tribunal wasal ghall-ammont ta' hamest elef Ewro (€5,000).

Fir-rikors tieghu r-rikorrent isostni li t-Tribunal ghamel il-kalkolu tieghu fuq l-ewwel kuntratt ta' mpjieg li kellu r-rikorrent u li b'referenza ghal dak li xehdet, ir-rapprezentanta tas-socjeta` ntimata, Christine Galea, r-rikorrent kien inghata kuntratt ta' mpjieg iehor u dan b'zieda fil-paga bazika tieghu, fejn il-paga zdiedet minn ghoxrin elf Ewro (€20,000) fis-sena ghal tnejn u ghoxrin elf Ewro (€22,000) fis-sena.

In oltre, ir-rikorrent talab ukoll lil dan it-Tribunal sabiex jinghata wkoll il-kummissjonjiet ikkalkolati fuq il-qliegh medju li jigu matul it-tlett xhur li jigi qabel il-jum li l-impjegat ikun inghata l-avviz, li jkun se jiltaq mill-impjieg jew li jkun gie tterminat mill-principal tieghu. L-artikolu 36 (13) li ghalih qieghed jaghmel referenza r-rikorrent jistipula:

> (13) Fil-każ ta' impjegati taħt kuntratt ta' servizz imħallsa għal kull biċċa xogħol, jew b'sehem fil-qligħ, jew b'kummissjoni fuq il-bejgħ magħmul jew ħlasijiet imdaħħla mill-prinċipal, l-ammont li għandu jitħallas skont is-subartikoli (8), (10), (11) u (12) għandu jkun ikkalkolat fuq il-qligħ medju tal-impjegat matul it-tliet xhur li jiġu sew sew qabel il-jum li fih jingħata l-avviż jew l-impjegat jitlaq ix-xogħol jew jiġi mibgħut 'il barra mill-prinċipal[1].

Illi ghalhekk ir-rikorrent qieghed jitlob ukoll li jittiehdu in konsiderazzjoni l-kummissjonijiet tal-perjodu ta' tlett xhur imsemmija fl-artikolu fuq citat.

[1] Artikolu 36 (13) tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonjiet Industrijali – Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-banda l-ohra s-socjeta' ntimata fir-risposta taghha tishaq li ai termini ta' Artikolu 83 (1) tal-Kap 452, li ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni u dan stante li t-Tribunal kien ampjament car dwar id-decizjoni tieghu, ossia l-kumpens fl-ammont ta' hamest elef Ewro (€5000). Artikolu 83 (1) tal-Kap 452 jistipula: -

> 83.(1) Jekk tinqala' xi kwistjoni dwar l-interpretazzjoni ta' xi sentenza jew deċiżjoni tat-Tribunal (barra minn deċiżjoni skont danl-artikolu), il-Ministru jew kull waħda mill-partijiet fil-proċedimenti jistgħu jitolbu lit-Tribunal biex jagħti deċiżjoni fuq dik il-kwistjoni u t-Tribunal għandu jiddeċiedi l-kwistjoni wara li jisma' l-partijiet jew, jekk il-partijiet ikunu hekk ftehmu, mingħajr ma jismagħhom. Id-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tiġi komunikata lill-partijiet u tkun torbot bl-istess mod daqslikieku kienet parti mis-sentenza oriġinali[2].

In oltre, u dan b'referenza ghall-gurisprudenza nostrana, s-socjeta' ntimata tishaq li mill-insenjamenti ta' din il-gurisprudenza ma hemm lok ghall-ebda nterpretazzjoni dwar il-kumpens.

Fir-replika tieghu r-rikorrent jaghmel referenza ghall-artikolu 825 (1) (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jaghti l-fakolta lill-Qrati taghna li jikkoregu zbalji kemm ta' kalkolu u kemm ta' kliem li jkunu saru f'sentenza minnhom moghtija. Dan l-artikolu jistipula: -

> 825.(1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu ma jimpedux lill-qorti, fuq rikors ta' waħda mill-partijiet, li għandu jiġi nnotifikatlill-parti l-oħra, milli tikkorrieġi b'digriet, f'kull żmien, xi żball ta'kalkolu li jkun sar fis-sentenza.
>
> (2) Lanqas ma jimpedixxu lill-qorti milli tikkorreġi żbalji fil-kliem użat fis-sentenza, jew milli tbiddel espressjonijiet li ma jkunux ċari, jew li jistgħu jiftiehmu xort'oħra minn dak li kif jidher ċar riedet tfisser il-qorti, kemm-il darba jsir rikors għaldaqshekk fi żmien tletin ġurnata minn dak in-nhar tas-sentenza, u f'dak il-każ, iż-żmien mogħti minn dan il-Kodiċi għall-appell mis-sentenza li tkun ġiet hekk ikkorreġġuta, jibda jgħaddi minn dak in-nhar tad-digriet mogħti fuq it-talba għall-korrezzjoni[3].

It-Tribunal jinnota li filwaqt li jifhem dak argumentat mis-socjeta` ntimata, mill-banda l-ohra meta dan it-Tribunal ghamel il-kalkolu tieghu fid-decizjoni minnu moghtija dwar il-kumpens, it-Tribunal ried jibbaza dan il-kalkolu fuq l-ahhar kuntratt ta' mpjieg tar-rikorrent, u dan kif gustament ghandu jkun. It-Tribunal bi zvista hadem il-kalkolu tieghu fuq l-ewwel kuntratt ta' mpjieg tar-rikorrent li kien ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000) fis-sena, u mhux dak ta' tnejn u ghoxrin elf Ewro (€22,000) fis-sena li fuqu kellu jigi kkalkolat il-kumpens.

Illi dwar l-artikolu 36 (13) tal-Kap 452 it-Tribunal iqis, u dan kif sostna fir-rikors tieghu r-rikorrent, ma jirregolax il-metodologija sabiex it-Tribunal jasal ghall-kumpens. It-Tribunal ghalhekk se jikkonsidra *arbitrio boni viri* d-differenza tal-kummissjonjiet dovuti lir-rikorrent fl-ammont ta' hames mitt Ewro (€500).

---

[2] Artikolu 83 (1) tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonjiet Industrijali – Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta

[3] Artikolu 825 (1) u (2), Kodici ta' Organizazzjoni U Procedura Ċivili – Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal ghar-ragunijiet fuq moghtija qieghed jilqa’ limitatament it-talba tar-rikorrent fejn qieghed jiccara li l-ammont ta’ kumpens dovut lir-rikorrent ghandu jinghata mis-socjeta` ntimata hu dak ta’ sitt elef Ewro (€6,000), u mhux dak ta’ hamest elef Ewro (€5,000) kif hemm ordnat fid-decizjoni tat-8 ta’ Novembru 2023. It-Tribunal ibbaza l-kalkolu tieghu fuq l-ahhar kuntratt ta’ mpjieg tal-istess rikorrent u kif ukoll ha in konsiderazzjoni d-differenza *arbitrio boni viri* tal-kummissjonjiet dovuti lir-rikorrent.

Ghalhekk l-ammont ta’ sitt elef Ewro (€6,000) ghandu jithallas lir-rikorrent mis-socjeta` ntimata fl-istess zmien ordnat fid-decizjoni moghtija fit-8 ta’ Novembru 2023, u cioe` dak ta’ xahar, liema perjodu ta’ xahar ghandu jibda jiddekorri mid-data ta’ dan id-Digriet.

Illum 21 ta’ Novembru, 2023

(Iffirmat)
**Av. Geoffrey Vella**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**